MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2005

Numru 1034/2004

Il-Pulizija

(Spettur Kevin Borg)

versus

Joseph Mifsud

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Mifsud ta' 35 sena iben Valent u Pawla nee Farrugia imwieled Imqabba fil-11 ta' Jannar, 1969 u li joqgħod f'Saint Theresa Triq il-Qrendi, Imqabba detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 80169 (M)

Akkużat

2. Talli f'dawn il-Gżejjer, fix-xahar t'Awissu, 2004 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, bi'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda

a. għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifikai foloz jew inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'pħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħadd ieħor, jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligh li jeċċedi l-1000 lira Maltija għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u diversi persuni oħra;

b. sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħadd ieħor f'xi document maħsub għal xi awtorita' pubblika, xejentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

c. bl-iskop li jakkwista xi ħals taħt l-Att Dwar is-Sigruta' Soċjali kemm għalih innifsu jew għal ħadd ieħor jew għal xi skop li għandu x'jaqsam ma' l-Att swar is-Servizzi Soċjali:

a) Xjentement jew bi traskuraġni għamel dikjarazzjoni falza jew wera ħaġa b'oħra;
b) ġab jew ta, jew ikkaġuna jew ġiegħel jew xjentement ħalla illi jinġieb jew jingħata dokument jew tagħrif li kien jaf li hu falz f'ħaġa materjali jew;
c)bi frodi naqas li jirraporta lid-Direttur tas-Servizzi Soċjali qabel ma rċieva l-ħlas xi bidla fiċ-ċirkostanzi li għandha jew jista' jkollha konsegwenza materjali fuq ammont jew fuq il-mod kif ingħata dak il-pagament u dan bi ksur ta' l-artikolu 117 tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. Taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Impiegi u t-Taħriġ

a. Ta xi tagħrif li kienjaf li huwa falz f'xi punt importanti, jew mingħajr ma jimpurtah ta xi taħgrif li jkun falz f'xi punt importanti; jew

b. bil-ħsieb li jinganna ipproduċa, ta, bagħat jew xort'oħra għamel użu minn xi document li jkun falz f'xi punt importanti; jew

c. għax ried irrifjuta li jagħti jew mingħajr raġuni leġittima (li l-prova tagħha hija għal kariga tiegħu) ma tax xi tagħrif importanti u dan bi ksur ta' la-rtikolu 48 tal-kap 343 tal-liġijiet ta' Malta.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali mogħti fid-29 ta' Novembru, 2004, il-kunsens ta' l-imputat biex il-proċeduri jkunu sommarji liema kunsens ikkonferma wara li ngħata ħin xieraq, l-ittra tal-Kap Esekuttiv tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ lill-Kummissarju biex jittieħdu passi kontra l-imputat, u l-istqarrija ta' l-imputat tas-16 ta' Novembru, 2004.

4. Rat l-ammissjoni ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet kollha, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata żmien xieraq biex jaħsibha.

5. Semgħet ix-xhieda ta' Josianne Mifsud li xehdet li l-ammont dovut mir-raġel tagħha qed jinqata' ftit, ftit miċ-Children's Allowance.

Ikkonsidrat

6. Li ġaladarba l-imputat ammetta l-impjutazzjonijiet miġjuba kontrih, dawn l-imputazzjonijiet ġew ippruvati skond il-Liġi.

7. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 188, 308, 309, 310 tal-Kap 9, l-artikolu 117 tal-Kap 318 u l-artikolu 48 tal-Kap 343 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih.

8. Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputat għandu fedina penali nadifa, ikkoopera mal-Pulizija kif jidher mill-istqarrija stess, qed iħallas l-ammont li ħa ftit, ftit, u għamel ammissjoni bikrija ħafna. Rat ukoll l-istqarrija ta' l-imputat fejn hu qal li Lm35.57 mhumiex biżżejjed għalih u għal erbat itfal tiegħu. Dwar dan il-punt il-Qorti qed tiġbed

l-attenzjoni li m'hemmx ġustifikazzjoni li wieħed jaħdem minħabba l-bżonnijiet tal-familja waqt li jibqa' jirċievi l-benefiċċji soċjali, ukoll jekk l-inidvidwu oġġettivament iqis li l-benefiċċju mhux biżżejjed biex ileħħaq mal-ħajja. Teknikament id-difiża tan-Neċessita' mhix waħda mid-difiżi rikonoxxuti mil-Liġi tagħna u għalhekk tali argument ma jistax jintlaqa' minn din il-Qorti.

9. Għal dik li hi plurarita' ta' akkużi, il-Qorti qed timxi mad-duttrina tal-konkurs formali jew ideali kif esposta mill-Professur Mamo fl-Ewwel Parti tan-Noti tiegħu dwar il-Liġi Kriminali. Infatti l-Professur Mamo jikteb:

***'The first and typical form of this concursus arises where one and the same fact constitutes an offence under two or more provisions of the law. (In such a case) the accused is punished in accordance with the provision establishing the heaviest punishment. Two elements are necessary to constitute this form of ideal concursus i.e. one fact and several violations of the law.***

***Omissis***

***So, in order that the violations of the several provisions of law may constitute and be dealt with as one single offence, it is essential that they be the result of one single action on the part of the offender and of one and the same criminal determination….. That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.'***[1]

Fil-każ odjern jidher li għalkemm hemm għadd ta' imputazzjonijiet, l-intenzjoni kriminali kienet waħda.

10. Barra minn dan, l-artikolu 309 huwa assorbit fl-artikolu 308 skond ġurisprudenza kostanti tagħna (Ara: 'Il-Pulizija versus George Manicolo' (31 ta' Lulju, 1998) (Appelli Kriminali per l-Onor.Patrick Vella).

---

[1] Professur Mamo: Notes on Criminal Law Part I pages 151 and 152.

11. Fl-aħħarnett, il-Qorti tirraviża ċertu ‘overlap’ bejn it-tieni imputazzjoni u t-tielet imputazzjoni fl-ewwel u t-tieni parti tagħha u r-raba’ imputazzjoni fl-ewwel u t-tieni parti tagħha. Hemm ukoll xebh bejn l-ewwel imputazzjoni u t-Tielet Imputazzjoni fit-tielet parti tagħha u bejn l-ewwel imputazzjoni u t-tielet parti tar-Raba’ imputazzjoni. Kemm il-Kap 318 kif ukoll il-Kap 343 jipprospettaw pieni ta’ multi jew priġunerija ta’ mhux iżjed minn sena jew inkella ta’ priġunerija u multa flimkien. Il-ksur ta’ l-artikolu 117 tal-Kap 318 iġorr multa akbar minn dik ta’ l-artikolu 48 tal-kap 343. Iż-żewġ Kapi la jeskludu u lanqas isalvaw espressament l-applikazzjoni tal-Kodiċi Kriminali. Ukoll jekk jitqiesu leges posteriori u specialis ma jibdel xejn mill-piena li l-Qorti qed timponi fil-paragrafu li ġej dato lid an huwa każ ta’ ammissjoni bikrija.

12. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li qieset dan kollu hija u tirrifletti dwar il-piena u rat ukoll l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat għal disa’ (9) xhur priġunerija sospiżi għal sentejn (2). Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A lill-imputat fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------